KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 22_19/09/07/V**

# MINUTI TAT-TNEJN U GHOXRIN SEDUTA

**It-Tnejn u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

**Assenti skużati:**

| | |
|---|---|
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis (Imsiefer)** |
| **Kunsilliera:** | **Margaret Ann Azzopardi** |

Is-seduta bdiet fl-4.40pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 21_13/08/07**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Approvazzjoni tal-*Quarterly reports* (April sa Ġunju 2007)**
7. **Deċiżjoni dwar il-post klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill**
8. **Affarijiet Oħra**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 21_13/08/2007

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mill-kunsillier L. Vella u ssekondati mill-kunsillier M. Briguglio u approvati bi qbil unanimu.

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar l-*iskateboarding area*. Is-segretarju eżekuttiv spjega dwar il-proċess u d-diskors li kellu mal-perit konċernat dwar dan il-proġett. Il-kunsillier L. Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob stima ta' dan il-proġett fejn wara jitlob għal *sponsorship* mill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.2 Il-kunsilliera M. Aquilina staqsiet għalfejn l-ittra mill-*Malta Labour Party* ta' l-4 ta' Lulju, 2007 dwar il-proġetti ma' kienetx inqrat fil-laqgħa tal-Kunsill.

*Il-kunsillier M. Debono daħal fis-seduta fl-4.55pm*

Is-Sindku M. Arrigo spjegat li dan is-suġġett kien diġa ssemma fis-seduta (20_11-07-07 punt 3.5) permezz ta' ittra oħra mill-MLP fejn kienu talbu lill-Kunsill sabiex il-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr Alfred Sant jiltaqa' mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li waqt din is-seduta, għalkemm l-ittra konċernata kienet għada ma' waslitx kienet saret referenza mil-kunsilliera M. Debono sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar żewġ proġetti li jixtiequ jwettqu, u ħaseb li dawn il-proġetti kellhom jiġu diskussi waqt il-laqgħa li kienet saret mal-kap ta' l-Opożizzjoni. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jaqra din l-ittra f'din is-seduta mal-korrispondenza, xorta waħda.

*Il-kunsillier N. Dimech daħal fis-seduta fl-4.59pm*

2.3 Il-kunsillier M. Briguglio reġa rrimarka dwar l-*iskateboarding area* u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Klabb tal-Boċċi. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra mill-MLP ta' l-4 ta' Lulju, 2007 dwar proġetti. Il-kunsillier M. Debono semma' li hemm bżonn ssir Berga f'Tas-Sliema. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill qiegħed diġa jinsisti sabiex jitwettaq dan il-proġett. Il-kunsilliera M. Aquilina ssuġġeriet li għandu jkollna aktar *embellishment* fix-Xatt ta' Tas-Sliema. Il-kunsillier M. Brigulgio jaqbel li dawn għandhom ikunu proġetti soċjali. Sadanittant il-Kunsill għandu jibgħat risposta fejn jinforma li l-Kunsill għadu qiegħed jikkonsidra l-proposti li se jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar il-każ ta' Triq Viani fejn sfrundat parti mit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li kien diġa bagħat korrispondenza bl-*email* dwar dan is-suġġett. Is-Segretarju informa li l-Kunsill irċieva ittra mill-avukat tal-kuntrattur fejn qiegħed iżomm il-Kunsill responsabbli talli sfrondat it-triq, minkejja li għamlu l-ħsara huma stess. Il-korrispondenza kollha qegħda tiġi rrefferuta kemm lill-avukat kif ukoll

lill-perit tal-Kunsill. Is-segretarju eżekuttiv informa wkoll lill-kunsilliera preżenti li kien sar il-mandat ta' l-inibizzjoni wara l-laqgħa li kienet saret ma' l-avukat u l-perit tal-Kunsill fejn kull kunsillier kien mistieden. Sar ukoll ir-rapport mill-perit tal-Kunsill u se jkun hemm kawża l-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2007. Il-kunsillier M. Debono ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu każ ukoll għaliex il-kuntrattur ma' żammx id-distanza skond il-liġi u b'hekk ħoloq il-periklu fit-triq u din kellha tingħalaq.

3.3 Ittra mill-*Where's Everybody* fejn staqsew lill-Kunsill jixtiequx jipparteċipaw f'programm live 'Ħadd Għalik?' Il-Kunsill ma' qabilx li għandu jipparteċipa.

3.4 Korrispondenza mis-Sinjur J. Sapienza dwar (PA 5106/99) 225, Triq it-Torri, Sliema. Il-Kunsill ġie f'dubju jekk kienx oġġezzjona jew le, madankollu qabel li għandu joġġezzjona u jibgħat l-ittra lill-MEPA bħala *endorsement*, filwaqt li jinforma lir-resident konċernat.

*Il-kunsillier L. Vella ġie skużat li jitlaq mis-seduta - 5.30pm*

3.5 Ittra mill-*Eden Foundation* dwar talba għal donazzjoni għal Edenfest'07. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti Lm50 (€116.46) u għandha tiġi ppreżentata mis-Sindku.

3.6 Rapporti mit-tabib tal-Kunsill wara li kien hemm talbiet għal dawn ir-*reserved parking* :-

Triq Viani (Rif: 118)
Triq Sant' Elena (Rif: 116)
Triq Sant' Elena (Rif: 117)

Għar-referenzi 118 u 116 il-Kunsill ma' qabilx li dawn għandhom jingħataw ir-*reserved parking* filwaqt li għar-referenza numru 117, il-Kunsill qabel li din għandha tingħata għar-raġuni li apparti l-kundizzjoni tiegħu dan jgħix waħdu.

3.7 Ittra mill-Moviment Kerygma fejn talbu lill-Kunsill jinnominaw żgħażugħ għall-Premju Żgħażugħ tas-Sena 2007'. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddiha lill kull Parroċċa f'Tas-Sliema fejn ikunu jistgħu jinnominaw żgħażugħ/a huma direttament.

3.8 Ittra minn *Tigne' and Qui-si-Sana Residents Association* rigward l-oġġezzjoni għal *pedestrianisation* ta' Triq Bisazza. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar *Sliema transport action plan* u *traffic management plan* li l-Awtorita` Dwar it-Trasport kienu bagħtu. Il-Kunsill kellu jagħmel il-proposti tiegħu u jiltaqa` ma' l-ADT. Il-Kunsill diġa kien semma xi punti dwar li hemm nuqqas ta' *landscaping*, li għandha tiġi eliminata *roundabout* u li għandu jiżdied il-parkeġġ. Sa dan il-ħin il-Kunsill kien għadu qiegħed jiddiskuti dwar il-*pedestrianisation* fi Triq Bisazza u qatt ma' kien irċieva korrisponenza dwar oġġezzjoni għal *pedestrianisation*. Il-kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jiltaqa` mal-ADT sabiex jagħtuna preżentazzjoni dettaljata dwar il-pjanti li diġa għandna.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat fil-5.50pm u daħal fil-5.54pm*

Il-kunsillier M. Briguglio ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa pubblika mar-residenti. Is-Sindku M. Arrigo qablet pero qalet ukoll li qabel ma' niltaqgħu mar-residenti l-Kunsill għandu jkollu informazzjoni sħiħa u korretta. Fuq dan il-punt is-Sindku ssuġġeriet li l-ewwel il-Kunsill għandu jiltaqa` waħdu sabiex tiġi deċiża l-proposta finali tal-Kunsill. Wara ssir laqgħa ma' l-ADT għal-preżentazzjoni filwaqt li eventwalment issir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika mar-residenti, fejn nistaqsu lill-ADT jistgħux ikunu preżenti, u jekk ma jilqgħux it-talba nerġgħu nirrikorru għand l-ADT bis-suġġerimenti tar-residenti.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta 6pm*

3.9 Is-segretarju eżekuttiv staqsa dwar il-garaxx li għandu fi Triq Manwel Dimech bil-kiri minħabba li kien skada ż-żmien tal-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li kien irċieva mill-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-istess garaxx għal tliet snin oħra bl-istess prezz.

3.10 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għad-diversi punti mibgħuta mill-Awtorita' Dwar it-Trasport dwar l-immaniġjar tat-traffiku.

a. Li l-*footway* quddiem l-entratura tal-Lukanda *Palace* fi Triq il-Kbira titnaqqas b'metru u titqiegħed *un/loading* quddiem il-lukanda.

Fuq dan il-punt il-Kunsill reġa rrimarka minħabba l-fatt li ma' kienx ġie kkonsultat għall-kostruzzjoni ta' din il-bankina eżistenti u l-anqas l-ADT u dan huwa ksur ta' liġi. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jiltaqa` mal-MEPA u l-ADT fejn jistaqsi għaliex il-Kunsill u l-ADT ma' ġewx ikkonsultati għal xogħol fi triq pubblika. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi data biex jiltaqa' mal-MEPA u jekk il-MEPA jibqgħu ma' jiltaqgħux magħna, il-Kunsill ikollu jaġġixxi b'mod ieħor.

*Il-kunsillier N.Dimech daħal fis-seduta fis-6.10pm*

b. Tliet siġriet *junction*: sabiex Triq il-Kbira ssir *one way* għall-*promenade* u Triq Dingli (Rudolfu c/w il-Kbira) issir *one-way* għal Triq Dingli.

Il-kunsillier M. Debono qal li għandu jibqa kollox kif inhu preżentament minħabba l-fatt li jkun impossibbli għall-vetturi kbar li jgħaddu, apparti l-fatt li l-Kunsill applika għal proġett ta' *embellishment* fit-*traffic island* fil-parti ta' fuq ta' Triq Dingli. Fuq dan il-punt is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill ma' għandu jieħu l-ebda deċiżjoni dwar dan, qabel ma' tiġi solvuta l-kwistjoni ta' Triq il-Kbira.

c. Li jkun hemm *traffic lights* fejn l-għassa ta' Tas-Sliema sabiex ir-rotta tal-karozzi tal-linja, tibqa ħierġa minn Triq Santa Marija għal Triq Rudolfu iżda għandu jiġi implimentat *No Right Turn* fi Triq Manwel Dimech ma' Rudolfu.

Il-kunsill ma' qabilx dwar dan.

d. Rudolfu ma' Triq Imrabat issir *No Entry* għall-vetturi b'makkinarju kbir sakemm mhux biex jagħtu servizz.

Il-Kunsill ma' qabilx dwar dan minħabba l-fatt li din se toħloq kongestjoni fi Triq Mrabat u jkun hemm problema minn fejn se jgħaddu l-vetturi kbar tal-kostruzzjoni.

e. Parkeġġ riżervat fi Triq Manwel Dimech ma' Triq Rudolfu

Il-kunsill qabel li ghandha ssir 'Keep Clear' flok parkeġġ riżervat.

3.11 Korrispondenza dwar PA 01943/07 dwar *tea shop* fix-Xatt ta' Qui-Si-Sana mingħand *Tigne and Qui Si-Sana Residents Association,* fejn ġibdu l-attenzjoni li l-applikazzjoni hija għal *class 6* u mhux *class 4.* Il-kunsill għandu jikteb lill-MEPA li l-applikazzjoni eżistenti hija għal *tea room,* u li għandha ssir applikazzjoni ġdida fil-każ li l-applikazzjoni se ssir għal *bar.* Il-Kunsill qabel li peress li hija *area* residenzjali din għandha tibqa *tea room* u jekk la darba jkun hemm applikazzjoni għal bar, il-Kunsill se joġġezzjona.

Fuq dan il-punt il-kunsillier N. Dimech irrimarka li l-*Cleopatra restaurant* li jinsab fi Triq Amery m'għandux ċumnija. Il-Kunsill għandu jinforma lis-Sanita dwar dan il-każ.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni minn Cafe Tigne' għal paviment ġdid flok dak li hemm. Il-Kunsill qal li importanti li l-livell tal-bankina għandha tibqa l-istess kif inhi u ma għandha ssir l-ebda tip ta' *platform.* Minn-naħa l-oħra l-Kunsill tkellem dwar il-linji li se jagħmel bħala gwida lir-restoranti fix-Xatt sa fejn għandhom jaslu bl-imwejjed u bis-siġġijiet, għaliex jekk jibda x-xogħol tiegħu minn issa, din se tiġi effetwata u l-Kunsill mhux se jkollu garanzija li s-sid ta' Cafe Tigne' se jagħmilha l-istess, wara li jkun diġa għamel ix-xogħol hu. Is-Sindku M. Arrigo ssuġġeriet li s-sid għandu jistenna sakemm il-Kunsill jiltaqa` mal-MTA kif għandu jkun il-*passage way.* Il-Kunsill qabel ma' dan minkejja li raw l-insistenza tas-sid sabiex jibda x-xogħol minnufih. Il-Kusnill qabel li għandu jagħtih il-permess b'lista ta' kundizzjonijiet fosthom:- Li s-sid ikun responsabbli f'każ li jweġġgħa xi ħadd fuq dan il-paviment il-ġdid. Għandha ssir il-garanzija bankarja biex il-Kunsill ikun kopert u li l-bankina tibqa bl-istess livell u ma' ssir l-ebda *platform.*

3.13 Il-kunsillier M. Briguglio ressaq proposta sabiex Triq Manwel Dimech issir *one way* il-fuq mid-direzzjoni tal-Balluta sa' l-għassa tal-pulizija. Il-kunsillier N. Dimech u l-kunsiliera M. Aquilina ma' qablux ma' dan. Madankollu l-Kunsill qabel li għandu jibgħat għall-opinjoni ta' l-ADT.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar it-*tender* tal-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* u rrefera għall-laqgħa li kienet saret fil-preżenza tal-kunsilliera M. Briguglio u M. Azzopardi. Is-segretarju eżekuttiv issuġġerixxa li t-*tender* għandha tinqassam fi tlett żoni.

- Ix-Xatt
- Ġnien Indipendenza, il-*promenade* kollu u l-ġnien ta' Qui-Si-Sana
- Il-kumplament tas-*soft areas* (fin-naħat ta' ġewwa)

Il-Kunsill qabel li għandha tinqasam f'dawn it-tliet żoni kif ukoll li ma' l-*ispecifications* ta' l-aħħar *tender* li kienet inħarġet għandu jiżdied dan li ġej :

1. Il-*pots* kollha jiġu numerati
2. Jipparteċipaw fil-kampanja 34U
3. Jekk ikun hemm xi żieda ta' pjanti/*pots* dawn ikunu inklużi mat-*tender*.
4. Ii l-mappi tas-*soft areas* għandhom jiġu rranġati.
5. Li tkun ċara li jekk il-*performance* tax-xogħol ma' tkunx waħda tajba jibda jitnaqqas il-pagament fix-xahar.

Is-Segretarju informa li l-Kunsill kellu diġa diversi komunikazzjonijiet anke bil-miktub fejn ġibed l-attenzjoni lill-*Environmental Landscapes Consortium* li x-xogħol mhux qiegħed ikun sodisfaċenti.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta fis-7.10pm*

Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li kitteb *letter of default* lill-kumpanija *Transline* tal-kollezzjoni tal-ġbir ta' l-iskart domestiku. Dan minħabba l-fatt li dan mhux qiegħed iżomm mar-regolamenti tat-*tender*.

*Daħal lura l-kunsillier N. Dimech fis-7.16pm*

3.16 *Email* dwar *Fondazzjoni Temi Zammit* dwar l-*EU Funding*. Il-kunsillier J. Galea qal li fil-laqgħa li kellu mal-Kunsill Lokali tal-Belt issemma' l-punt li l-bozzoz kollha li jinsabu matul il-*promenade* jiġu jaħdmu bis-*solar panel*. Il-kunsillier J. Galea għandu jerġa jiltaqa' mal-Kunsill tal-Belt dwar dan il-proġett. Kien hemm qbil unanimu dwar dan il-proġett. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-konversazzjoni li kellu ma' l-*Ernst and Young.*

3.17 Is-Segretarju eżekuttiv irrefera għad-diversi *emails* li kienu diġa ntbagħtu lill-kunsilliera dwar it-talba minn *Mizzi Motors Ltd* għal wirja ta' karozzi, fejn ġew involuti anke l-GRTU. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma' approvax din l-attivita` u għandu jikteb lill-kumpanija Bla Preġudizzju.

3.18 Ċirkolari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ssir konferenza nhar is-26 ta' Ottubru, 2007 għall-kunsilliera (PN) bħal dik li kienet saret għall-kunsilliera (MLP) f'April. Il-kunsilliera għandhom jikkonfermaw l-attendenza tagħhom iżjed tard.

3.19 Ittra mill-*Government Property Division* dwar permess għall-imwejjed u siġġijiet ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana. Il-Kunsill ma' qabilx ma' din it-talba u rrimirka wkoll li diġa hemm *platform* u li m'hemmx iżjed post għall-imwejjed u siġġijiet.

3.20 Ittra mill-kumpanija *GO* fejn staqsew hux se titkompla l-aħħar biċċa ta' Triq Rudolfu biex ikunu jistgħu jagħmlu xi trinek għal *cables* tal-linji tat-telefon. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli Triq Rudolfu sa' Triq Dingli (tliet siġriet) fejn għandu jutilizza l-arrenġament tal-450metri tal-kuntrattur preżenti Polidano Bros. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li diġa kienet ittieħded deċiżjoni li b'dawn il-450metri għandha ssir parti minn Windsor u Howard. Fuq dan il-punt il-Kunsill għamel reżoluzzjoni speċjali fejn ġiet proposta mis-Sindku M. Arrigo u ssekondata mill-kunsillieri M. Debono u N. Dimech.

3.21 Ittra mill-avukat Martin Fenech f'isem ix-*Shigo Teletwist* rigward id-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa, li jneħħi t-*telephone booths*. Il-Kunsill kien diġa għadda kopja ta' din

l-ittra lill-avukat Ivan Gatt. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-avukat tagħna nistgħux nibqgħu naqalgħu t-*telphone booths* li mhumiex miżmuma f'kundizzjoni tajba.

***Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.45pm għal diskussjoni informali. Is-seduta reġat bdiet fit-8pm.***

3.22 Il-kunsillier M. Debono ppreżenta pjanta li kien mitlub jagħmel waqt seduta tal-Kunsill dwar *Sliema Transport Action Plan* fix-Xatt. Kien hemm diskussjoni sħiħa fejn fost affarijiet oħra ssemmew li se jiżdiedu l-postijiet għall-*pontoons,* se jkun hemm aktar *landscaping*, Triq Bisazza tiġi *pedestrianised,* tiġi eliminata waħda mir-*roundabouts*. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta u għandha tiġi mressqa lill-ADT.

3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċeiva *email* mill-*MPS Marketing Communications* fejn infurmaw lill-Kunsill dwar l-avviżi li kienu ħarġu fuq il-gazzetti lokali dwar l-EPS ta' TownSquare fejn il-pubbliku ġie mistieden jara d-dokumenti jew il-MEPA jew fil-Kunsill.

3.24 Ittra mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija fejn infurmaw lill-Kunsill li l-*parking bay* ta' quddiem 49, Triq il-Kbira qatt ma' kellha l-approvazzjoni mit-*Traffic Management Board* u li għandha titneħħa. Il-Kunsill qabel li jneħħiha.

3.25 Ittra mill-*Embassy of Malta Moscow* fejn staqsew lill-Kunsill huwiex interessat li ssir delegazzjoni minn *St Petersburg.* Il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jilqa' din it-talba.

3.26 Talba mill-Kummissjoni Festi Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor sabiex jorganizzaw *car wash* fit-22 ta' Settembru, 2007. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita`.

3.27 Talba mill-*FTI Services Malta Ltd* sabiex tittella' attivita' għaċ-ċiklisti barranin f'Ottubru, 2007. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.28 Is-Segretarju Eżekuttiv informa bl-informazzjoni li bagħtu l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar *waste collection mechanism.* Is-Segretarju fakkar li kien diġa bagħat l-informazzjoni permezz ta' *email* lill-kunsilliera kollha.

3.29 Ittra min-*National Euro GhangeOver Committee* fejn ħeġġew lill-Kunsilli kollha sabiex jagħmlu kors ta' l-Ewro għan-nisa tad-djar. Il-Kunsill kien diġa organizza laqgħa għall-anzjani dwar dan, madankollu l-Kunsill qabel li jista jerġa jorganizza dawn il-laqgħat.

3.30 Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera li kemm jista jkun tinżamm id-*deadline* li tingħata għall-artikli tal-magazine. Huwa fl-interess tal-Kunsill stess biex ikun jista joħroġ fil-ħin. Fuq dan il-punt, staqsa għall-approvazzjoni tal-Kunsill jekk għandux jiġi inkluż l-artiklu tal-kunsillier J. Galea minħabba li daħal tard. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

## 4. MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA

4.1 Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li għal żmien il-Milied inżejnu b'żewġ siġar tal-Milied kbar bl-awguri tal-Kunsill waħda mill-entratura tax-Xatt u l-oħra mill-entratura ta' San Ġiljan. Qalet ukoll li nistgħu nagħmlu suġġeriment lill-ħwienet sabiex madwar ipoġġu siġar tal-Milied żgħar għas-spejjes tagħhom pero li jridu jkunu kollha l-istess. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4.2 Il-kunsillier J. Galea staqsa għalfejn ma' nqratx il-korrispondenza dwar il-*bring in sites* li kellhom jitpoġġew *underground.* Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien diġa ħa deċizjoni, li qabel mal-*WasteServ* jirregolizzaw ruħhom, u jżommu dawk il-*bring in sites* li diġa poġġew b'mod nadif u jiġu mbattla aktar ta' spiss, mhux se jkun permessibbli li jitpoġġew aktar *bring in sites* f'Tas-Sliema.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

5.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-iskeda tal-pagamenti li kienet intbgħatet lill-kunsilliera ma' l-agenda. Id-deputat segretarju infurmat li fl-iskeda li ntbagħtet kien hemm żball numerikali minn numru 8936 fejn kellu jitkompla 8937 u mhux 8637. Il-kunsillier N. Dimech ippropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 8907 sa 8980 u l-kunsillier M. Briguglio ssekondah.

Kien hemm qbil unanimu għall-pagamenti.

5.2 Il-Kunsill qabel li għandu jżomm għal ftit il-pagament numru 8965 f'isem il-Parroċċa ta' San Girgor. Dan biex il-Kunsill ikun jista jiċċekkja jekk qalux li l-kunċert sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Sliema u jekk il-kunsilliera ġewx mistiedna għal dan l-istess kunċert.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORTS* (April sa Ġunju 2007)

Il-kunsillier N. Dimech irrefera għar-rapporti li kienu ntbgħatu mal-minuti, u spjega l-pożizzjoni finanzjara. Preżenti kien hemm l-*Accountant* tal-Kunsill Christian Vella. Il-kunsilliera preżenti unanimament approvaw dawn ir-rapporti.

*Il-kunsilliera M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.30pm*

## 7. DEĊIŻJONI DWAR IL-POST KLERIKALI FL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-proċedura sabiex jimtela l-post vakanti għall-post klerikali. Kienu ntbagħtu applikazzjonijiet permezz ta' l-ETC u wara saru l-*interviews* meħtieġa. Il-Kunsill għażel is-sur Daniel Micallef (ID 225284 M) biex jimla l-post vakanti. Il-kuntratt jibda b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2007.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

8.1 Il-kunsillera M. Aquilina rrimarkat dwar l-istat ħazin tal-bankina ta' Triq Ġafar. Is-Sindku M. Arrigo infurmat li din se tiġi nkluża fil-lista tax-xogħlijiet tal-bankini mal-*Joint Venture.*

8.2 Il-kunsillier M. Debono rrimarka dwar l-istat ta' Triq Annunzjata (quddiem numru 165). Il-Kunsill għandu jibgħat il-ħaddiema tiegħu.

8.3 Il-kunsillier J. Galea qal li l-bankina li saret fi Triq Depiro ma' Triq Dingli ma' sarx sew. Il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur dwar dan.

8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk jaqblux li l-Kunsill jistabillixxi dati fejn ma jingħatawx permessi ta' krejnijiet u għeluq tat-toroq għal żmien is-Sajf u għal żmien il-Milied biex nagħtu ftit tal-brejk lir-residenti. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu bejn l-10 u l-31 ta' Awissu u l-15 ta' Diċembru u s-6 ta' Jannar. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jagħmel avviżi fil-gazzetta tal-Gvern, fil-*website* kif ukoll fil-magazine tal-Kunsill għall-informazzjoni ta' kulħadd.

8.6 Kien hemm xi suġġeriment minn resident li fi Triq San Karlu għandu jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ kif ukoll din issir *one-way* minħabba li hija triq dejqa. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandha ssir petizzjoni min-naħa tar-residenti.

8.7 Is-segretarju informa li l-*bye-laws* dwar il-ħamiem ġew approvati. Dawn se jiġu ppubblikati fil-*magazine* tal-Kunsill ukoll.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal-17 t' Ottubru, 2007 fl-4pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**